# Festival Sportiv 2007









Nhar il-Ħadd 15 ta' Lulju 2007 il-Mellieħa Sports Club organizza festival ta' sports fi pjazza tal-Parroċċa. Għall-ewwel darba f'dan il-festival ta' l-isports ġiet organizzata kompetizzjoni tat-*Tug of War* bejn l-Għaqdiet Melleħin. Grupp A kien magħmul mit-tims ta' l-Għaqda Mużikali Imperial, l-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina u l-Mellieħa Sports Club waqt li Grupp B kien magħmul mit-tims tas-Società Filarmonica La Vittoria, ta' l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista u taċ-Ċentru Laburista.

It-Tim ta' l-Għaqda Mużikali Imperial rebaħ Grupp A meta għeleb lit-tims ta' l-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina u tal-Mellieħa Sports Club. Grupp B intrebaħ mit-Tim taċ-Ċentru Nazzjonali Laburista. Il-Finali tat-*Tug of War* bejn li ntlagħbet bejn ir-rebbieħa ta' kull grupp, intrebħet mit-tim ta' l-Għaqda Mużikali Imperial.

It-tim ta' l-Għaqda Mużikali Imperial kien magħmul minn Brian Borg bħala *Captain,* John Vella, Louis Catania, Ian Grima, Anthony Fenech, Manwel Grima, Rodney Micallef, Frans Sammut u Charlie Camilleri. L-isponsor tat-tim Imperial kien is-Sur Joe Vella - il-barman tal-Każin Imperial.

L-Għaqda Mużikali Imperial filwaqt li tifraħ lill-organizzaturi u lir-rebbieħa, tixtieq turi wkoll l-apprezzament tagħha għall-imġieba korretta u sportiva tal-parteċipanti kollha li ħadu sehem f'dan il-festival sportiv.

**Prosit tassew!**